MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2109/2004

**APS Bank Limited (C2192)**

**Vs**

**Cheryle Ogilvie (ID 354469M) u Gordon Cameron Ogilvie (Passaport numru 700227499)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Bank attur talab il-hlas tas-somma ta' disa' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm953.20c) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm920.63c) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12721330019 u kwantu ghas-somma ta' tnejn u tletin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm32.57c) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000181412.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Bank attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Bank attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' disa' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm953.20c) bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------